KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-laqgħa Numru 24, laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru 2014, fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sur Joseph Bajada (Skużat) |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur/riċi: | |

Il-laqgħa bdiet fil-5.00 p.m. wara li ntqalet it-talba tal-bidu mis-Sindku.

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġi diskuss il-kunrtatt għall-applikazzjoni ta' M313 – 2nd call – *Enhancment of Pjazzetta tax-Xelina, Ta' Sannat as a rural tourist node* li l-Kunsill Lokali kien ġie nfurmat li ngħata mill-Gozo Action Group Foundation għaliex kien għad fadal l-fondi minn din il-miżura. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat kien ser jibbenefika għal dan il-proġett. Dan il-Kuntratt ser jiġi ffirmat (għada) l-Erbgħa 1 ta' Ottubru 2014 fid-9.00 ta' filgħodu fil-farm tal-Gvern, Ix-Xewkija mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat, minn rappreżentanti tal-Gozo Action Group Foundation u l-ARPA.

***M 313 2nd call - Enhancment of Pjazzetta tax-Xelina, Ta' Sannat as a rural tourist node***

Is-Sindku ppreżenta kopja tad-draft tal-kuntratt fuq il-mejda tal-Kunsill u spjega li għal dan il-proġett il-Kunsill kien applika darbtejn. Darba taħt Miżura 313 f'Settembru 2013 u aktar tard f'Ġunju 2014 taħt Miżura 413.4. Id-diferrenza bejn dawn iż-żewġ Miżuri kienet li Miżura 313 hija ffinanżjata kollha kemm hi mill-EAFRD mentri li Miżura 413.4 hija ffinanżjata 80% mill-EAFRD u 20% + il-VAT mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-Kunsill Lokali b'hekk ser jibbenefika l-ammont ta' €198,817.44 minn Miżura 313 għal dan il-proġett li jikkonsisti facelift ġdid ta' din il-pjazzetta bi traffic managment aħjar, għamara tat-triq ġdida u water culvert minn din il-pjazzetta għal Triq Sannat. Is-Sindku qal lill-Kunsill li għalhekk għandu jirrevoka l-applikazzjoni ta' Miżura 413.4.

Waqt il-laqgħa il-Kunsillieri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikkuntattja lil Perit ta dan il-proġett biex jekk hu possibli jiġi waqt din il-laqgħa b'urgenza u jispjega aħjar dan il-proġett, l-pjanti u t-traffic management tal-istess proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ċempel lill-Perit u l-Perit aċċetta minnufih li jiġi dak il-ħin stess għal din il-laqgħa.

Sa dan it-tant is-Sindku nforma lill-Kunsill biex tintalab laqgħa mall-Ministru għal Għawdex fejn jiġi nfurmat u spjegat b'dan kollu biex ma jibdiex ix-xogħolijiet fuq Triq Sannat qabel ma jkun lest dan il-progett. Dan biex meta jkun lest il-water culvert mill-Pjazzetta tax-Xelina għal Triq Sannat jibda u jitkompla x-xogħol fuq Triq Sannat u ma joħloqx inkonvinjent akbar lir-residenti tal-lokal. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-Sindku qal li ser jikteb ittra lir-residenti tal-lokal biex jinfurmahom dwar dan il-proġett.

Il-Perit wasal fl-uffiċċju u spejaga fid-dettal il-mistoqsijiet li staqsew il-Kunsillieri preżenti dwar dan il-proġett inkluż il-pjanti approvati mill-MEPA u t-traffic managment mgħoddi minn Transport Malta.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.50 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**